MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Numru. 59/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Saliba)**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**MASSIMO CARUSO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MASSIMO CARUSO** ta' tmienja u ghoxrin sena, bin Antonio u Vera nee' Spada, imwieled f'Siracusa, Sqallija fl-4 ta' Jannar, 1973, u joghqod fil-fond Nru 71, Mill Street, Zurrieq, detentur tal-Karta ta' l-Identita' 22119(A) gie imressaq quddiemha w akkuzat:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur u qabel l-20 ta' Jannar, 2000 b'diversi att maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li

gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kap 9.

2. Talli fil-25 ta' Awissu 2000, fl-Iklin, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1,000 mill-fond "Chanelle Ville" Triq ir-Razzet l-Ahmar l-Iklin ghad-dannu ta' Anthony Sammut liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok u hin.

3. Talli bejn il-25 ta' Awissu u 27 ta' Awissu 2000, f'Hal-Balzan, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' diversi oggetti tal-Hi-Fi li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm1000 mill-fond "Villa Pisani" sitwata fi Triq Notabile Hal-Balzan ghad-dannu ta' Kenneth Cassar, liema serq huwa kkwalidikat bil-mezz, valur u lok.

4. Talli fis-17 ta' Settembru, 2000 f'Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1,000 mill-fond 94 'Iz-Zebbuga' Triq Dun Luret Callur, Zebbug ghad-dannu ta' Philip Bonnici liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

5. Talli fit-3 ta' Settembru, 2000, f'H'Attard, matul il-gurnata, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billiipprova jidhol fil-fond 'Mon Cheri' li huwa sitwat fi Triq B'Kara, H'Attard ghad-dannu ta' Giovanna Maria Vassallo liema serq ma giex ikkonsmat independenti mill-volonta tieghu.

6. Talli fil-5 ta' Settembru, 2000 f'Hal-Balzan, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm1,000 mill-fond 68, Sir Michael Angelo Refalo Str., Balzan, ghad-dannu ta' Patrick Anastasi liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

7. Talli fl-14 ta' Settembru, 2000 fl-Iklin, matul il-gurnata, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ipprova jidhol fil-fond 35, Triq Geronimo Abos, l-Iklin ghad-dannu

ta’ Christine Tanti liema serq ma giex ikkonsmat independenti mill-volonta tieghu.

8. Talli fis-17 ta’ Settembru, 2000 f’Birkirkara, filghaxija, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1,000 mill-fond ‘Empa’ Triq Dun Karm, B’Kara ghad-dannu ta’ Manwel Vella liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

9. Talli fis-17 ta’ Dicembru, 2000, f’Hal-Qormi, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1,000 mill-fond 79, Triq Pietru Felici, Hal-Qormi ghad-dannu ta’ Anthony Caruana liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

10. Talli fl-24 ta’ Settembru, 2000, f’H’Attard, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ flus kontanti kif ukoll ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1,000 mill-fond ‘Dolmen’ li tinsab fi Triq it-Tursin ir-Rih Attard, ghad-dannu ta’ Harold Abela liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

11. Talli fit-28 ta’ Settembru, 2000 f’Pembroke, matul il-gurnata, ikkommetta serq ta’ flus kontanti kif ukoll ta’ diversi oggetti tad-deheb, u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1000 mill-fond ‘Anidroc’ Triq Giorgio Mitrovich Pembroke, ghad-dannu ta’ Annie Cordina liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

12. Talli fit-30 ta’ Settembru, 2000, f’Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm50 mill-fond San Antnin Triq l-Imdina, Zebbug ghad-dannu ta’ John Bonnici liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u lok.

13. Tali fit-30 ta’ Settembru, 2000 f’H’Attard, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ flus kontanti kif ukoll diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1,000 mill-fond ‘It-Tuta’ Triq G. Hyzler, Attard ghad-dannu ta’ Venitio Hili liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

14. Talli fl-4 ta’ Ottubru, 2000, f’Hal-Balzan, flimkien ma’ terzi persuni mhux maghrufa irrenda ruhu komplici, f’serq ta’ diversi oggetti tad-deheb u oggetti ohra prezjuzi li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1,000 mill-fond 58, Villa Valentine Triq il-Kannizzata, Balzan ghad-dannu ta’ Aldo Portelli, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

15. Talli fit-8 ta’ Ottubru, 2000, f’H’Attard, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ flus kontanti li jeccedu s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1,000 mill-fond ‘Desert Orchid’ Triq il-Qarsajja Attard ghad-dannu ta’ Alfred Sammut liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

16. Talli fit-8 ta’ Ottubru, 2000, f’H’Attard, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1,000 mill-fond ‘Vaal Reefs’ No. 1 Triq Envin Cremona Attard ghad-dannu ta’ Joseph Borg liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

17. Talli fid-9 ta’ Ottubru, 2000 f’H’Attard, matul il-gurnata, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ipprova jidhol fil-fond Villa San Anton B’Kara Road, Attard ghad-dannu ta’ Giuzeppe Fenech liema serq ma giex ikkonsmat independenti mill-volonta tieghu.

18. Talli fid-9 ta’ Ottubru, 2000 f’H’Attard, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1,000 mill-fond ‘Glen Glove’ Triq il-Qamh Attard ghad-dannu ta’ Paul Borg liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

19. Talli fid-9 ta’ Ottubru, 2000, f’Hal-Lija, matul il-gurnata ikkometta serq ta’ diversi oggetti taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1,000 mill-fond ‘Sansei’ Annibale Preca Lija ghad-dannu ta’ Joseph

Sciberras liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

20. Talli bejn il-15 u 17 ta' Ottubru, 2000, f'Iklin, matul il-gurnata ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1,000 mill-fond Lo Scoglietto Trieq Wied Iklin ghad-dannu ta' Carmen Peresso liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

21. Talli bejn il-15 u 17 ta' Ottubru, 2000, f'B'Kara, matul il-gurnata, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ipprova jidhol fil-fond 'Casa Madonnina' Triq B. Bontadini B'Kara Mriehel ghad-dannu ta' Elaine Abela liema serq ma giex ikkonsmat indipendenti mill-volonta tieghu.

22. Talli 24 ta' Ottubru 2000 f'Pembroke matul il-gurnata ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm1000 mill-fond Plot 192 Triq Manwel Buhagiar Pembroke ghad-dannu ta' John Brincat liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

23. Talli fil-25 ta' Ottubru, 2000, f'Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm1,000 mill-fond id-Dwejra Triq Santa Marija Zebbug ghad-dannu ta' Maria Theresa Grech, liema serq huwa kkwalifikat bill-mezz, valur u lok.

24. Talli fl-1 ta' Novembru, 2000 f'Bugibba, matul il-gurnata ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm1000 mill-fond Harringby Nru 123, Triq Salvatore Borg, Bugibba ghad-dannu ta' Raymond Ebejer, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

25. Talli bejn it-2 u 4 ta' Novembru, 2000, f'H'Attard, matul il-gurnata, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-

delitt billi ipprova jidhol fil-fond ‘Fenville’ Triq E. Cremona Attard ghad-dannu ta’ Alfred Fenech liema serq ma giex ikkonsmat independenti mill-volonta tieghu.

26. Talli fil-15 ta’ Novembru, 2000, f’Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1,000 mill-fond ‘Fjord’ Triq l-Ghasir Zebbug ghad-dannu ta’ John Farrugia liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

27. Talli fis-17 ta’ Novembru, 2000 f’Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhomjeccedi s-somma ta’ Lm1,000 mill-fond ‘Amaryllis’ Triq il-Qolla, Zebbug ghad-dannu ta’ Gaetano Farrugia liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

28. Talli fl-20 ta’ Novembru 2000, fis-Siggiewi, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-fond ‘Magnifica’ No. 5 Trejqet l-Angli Siggiewi ghad-dannu ta’ Nikola Bonello liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

29. Talli fit-22 ta’ Novembru 2000, f’H’Attard, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-fond ‘Petra’ Triq Dun Mikiel Scerri Attard ghad-dannu ta’ Wistin Baldacchino liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

30. Talli fit-23 ta’ Novembru, 2000, fis-Siggiewi, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1000 mill-fond 28, Triq Salvu Corso Siggiewi ghad-dannuta’ Maria Concetta Attard liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

31. Talli fis-27 ta’ Novembru 2000, f’Hal-Qormi, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-fond Plot 1 Ave Maria Triq il-

Qasam Sperimentali Qormi ghad-dannu ta’ Carmelo Galea liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

32. Talli fit-30 ta’ Novembru 2000, f’Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb u apparat fotografiku li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1000 mill-fond ‘Classic’ Triq l-Indipendenza Zebbug ghad-dannu ta’ Carmelo Farrugia liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

33. Talli fil-5 ta’ Dicembru 2000, f’Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1000 mill-fond 28, Aloha Triq il-Poeta Nazzjonali Zebbug ghad-dannu ta’ Mario Abela liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

34. Talli fit-8 ta’ Dicembru, 2000 f’H’Attard, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-fond ‘Amber’ Triq Dun Gwann Theuma, Attard ghad-dannu ta’ John Galea liema erq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

35. Talli fit-8 ta’ Dicembru, 2000 f’H’Attard, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1,000 mill-fond ‘Hedera’ Triq Irmiedi ghad-dannu ta’ Leonard Cassar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur.

36. Talli fl-10 ta’ Dicembru, 2000 f’H’Attard, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1,000 mill-fond ‘Roberts Ville’ Old Railway Track Attard ghad-dannu ta’ Robert Gauci liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

37. Talli fil-15 ta’ Dicembru 2000, f’Hal-Qormi, matul il-gurnata, ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-fond ‘Meadow Pearl’ Triq Marcel Attard Vagniolo Qormi ghad-dannu ta’

Alexander Grima liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

38. Talli fit-18 ta' Dicembru 2000, f'Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm1000 mill-fond 'Emmive' Triq l-Irvell tal-Qassisin Zebbug ghad-dannu ta' Emanuel Grech liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

39. Talli fl-20 ta' Dicembru, 2000 f'Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm1000 mill-fond 'Starlight' Triq G.B. Debono Zebbug ghad-dannu ta' Mary Helen Buhagiar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

40. Talli fit-22 ta' Dicembru 2000, f'Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' apparat fotografiku u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-fond 'Lilly of the Valley' Triq il-Kbira Zebbug ghad-dannu ta' Joseph Balzan liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

41. Talli fl-24 ta' Dicembru 2000, f'Hal-Luqa, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' oggetti tad-deheb u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-fond 23 'Ictus' Triq Hal-Qormi Luqa ghad-dannu ta' Joseph Vella liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

42. Talli matul dawn l-ahhar sitt xhur, f'data mhux maghrufa matul il-gurnata ikkometta serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone tal-ghamla 'Motorola' u xi oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda anqs minn Lm1000 mill-fond Nri 1, 'Ogygia' Triq ic-Caghaq, San Pawl il-Bahar ghad-dannu ta' Joseph Mercieca liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

43. Talli fil-31 ta' Dicembru 2000, f'Haz-Zebbug, matul il-gurnata, ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-

deheb u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm1000 mill-fond ‘Casa Delfina’ Triq ix-Xghir Zebbug ghad-dannu ta’ Emmanuel Buhagiar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

44. Talli f’Malta, fl-imsemmija postijiet, f’dati, u hinijiet u cirkostanzi differenti volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fl-aperturi tal-postijiet imsemmijin hawn fuq liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 f’kull kaz.

45. Talli fis-Siggiewi, nhar is-27 ta’ Jannar, 2000 matul il-gurnata ikkommetta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb u flus kontanti li l-valur jeccedi s-somma ta’ mitt lira Maltin izda anqas minn elf lira Maltin, mill-fond 44, Triq Mons. F.X. Mangion, Siggiewi, ghad-dannu ta’ Anthony Formosa liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz u lok.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ kundanna ghandha meta taghti s-sentenza jew f’kull ordni ohra, tikkundanna l-hati ghal hlas lir-registratur tal-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri f’dak iz-zmien u b’dak l-ammont bhal ma jkun stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat illi din il-kawza damet wieqfa ghal certu zmien konsiderevoli peress li kien hemm kawza Kostituzzjonali li timpingi fuq il-mertu tal-kawza odjerna.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta ta’ nhar il-5 ta’ Frar 2013.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni

tieghu u dan anke in vista tal-fatt illi l-imputat deher minghajr assistenza tal-avukat u l-Qorti spjegatlu l-import ta' l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti rat illi l-imputat kellu problema ta' abbuz tad-droga fi zmien meta ikkommetta r-reat in kwistjoni pero' rat illi bl-ammissjoni tal-imputat, hafna mill-akkuzi li gie akkuzat bihom l-imputat gew solvuti proprju minhabba l-ammissjoni tieghu stess.

Il-Qorti pero' thoss illi ghandha timponi piena karcerarja u dan ghaliex l-imputat gie akkuzat b'serje ta' serqiet.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17, 23, 28, 31, 261 (a)(b)(c)(d)(e)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2), 281, 325(1)(a), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat MASSIMO CARUSO hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tliet snin u nofs effettivi.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa' tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjez kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe' lil Dr Stefano Filletti (Lm 61.50 + Lm58), Alfred Camenzuli (Lm71.87 + Lm 70.15 + Lm 75.61 + Lm85.67 + Lm 73.31), Haurice Anastasi (Lm 95.02 + Lm 67.27 + Lm139.65), Dr Veronica Aquilina (Lm52), Dr Joseph Sammut (Lm62.38), Dr Ludvic Caruana (Lm77.62 + Lm89.98 + Lm81.65), Hugh Camilleri (Lm67.27 + Lm67.27), Dr Juliana Scerri Ferrante (Lm79 + Lm69), Dr Edward Zammit Lewis (Lm59.80), Peter Bonello (Lm55.50), Dr Malcolm Mifsud (Lm71.30), Perit Valerio Schembri (Lm90.51), Robert Cardona (Lm 31 + Lm15 + Lm23.25),**

**Joseph Mallia (Lm149.86), PC 644 Evan Camilleri (Lm 114.50 + Lm 66.50), PC 453 Brian Cassar (Lm39 + Lm 21.50), PS 942 Robert Scicluna (Lm 43.25 + Lm25.25), PS 198 Arthur Debattista (Lm 88.50), PC 173 Brian Mangion (Lm 71 + Lm 38), PC 1253 Frederick Brincat (Lm 45.50), PC 1182 Raymond Cassar (Lm 71.50), PC 171 Karl Glanville (Lm50), PC 36 Sergio Azzopardi (Lm83), PC 644 Evan Camilleri u PC 46 Charlot Casha (Lm71), PC 644 Evan Camilleri u PC 1147 Antoine Fenech (Lm84.50), PC 1525 Patrick Farrugia u PC 602 Jonathan Attard (Lm90.50), PC239 Joseph Caruana u PC 1253 Frederick Brincat (Lm34.50), PC 612 Theo Vella u PC 46 Charlot Casha (Lm54.50), PC 612 Theo Vella u PC 1147 Antoine Fenech (Lm119), PC 1182 Raymond Cassar u PC 36 Sergio Azzopardi (Lm 89.50 +Lm37), PC 1182 Raymond Cassar u PC 458 David Camilleri (Lm40), PS 46 Charlot Casha u PC 1147 Antoine Fenech (Lm53.50 + Lm 87.50), PC 374 Edgar Dalli u PC 602 Jonathan Attard (Lm110 +Lm44), PS 198 Arthur Debattista u PC 1253 Frederick Brincat (Lm60), PC 659 Jeffrey Hughes u PC 1336 Jesmond Micallef (Lm46), PS 198 Arthur Debattista u PC 1184 Patrick Grech (Lm 71), PC 237 Joseph Caruana u PC 198 Arthur Debattista (Lm64 + Lm100.50), PC 1261 Charles Pace u PC 1525 Patrick Farrugia (Lm41) u cioe' l-ammont totali ta' Lm3,995.94 u cioe € 9,308.04 oltre s-somma ta' € 354 lil Dr Marisa Cassar, b'kollox l-ammont ta' disat elef, sitt mija u tnejn u sittin Ewro u erba' centezmi (€9,662.04) dan fi zmien sena mil-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, l-bilanc dovut jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovuta.**

**Il-Qorti ghalhekk taghmilha cara illi f'kaz li l-imputat ma jhallasx l-ispejjez tal-kawza fl-ammont ta' disat elef, sitt mija u tnejn u sittin Ewro u erba' centezmi (€9,662.04) fiz-zmien lilu moghti, tali somma tigi konvertita f'sentejn u tliet xhur prigunerija ohra.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------